**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 10.10.10: It-28 ĦADD MATUL IS-SENA**

**JUM IT-TIFKIRA TAL-VITTMI TAL-GWERRA FIR-RAĦAL TAGĦNA**

Il-Ġabra li ssir llum fil-knisja se tkun għar-restawri. Bħalissa qegħdin nagħmlu restawr fiċ-Ċentru Parrokkjali. Xieraq li wieħed jagħti xi ħaġa iżjed.

**Fil-10.30a.m.** quddiesa li fiha jiġi amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija.

Dritt wara l-quddiesa tal-10.30a.m. immorru ħdejn l-irħama tat-Tifkria biex insellmu lil dawn il-vittmi ta' raħalna u anke nagħmlu talb għas-suffraġju tagħhom.

**IT-TNEJN, 11.10.10: FESTA TAL-ANNIVERSARJU TAD-DEDIKAZZJONI TAL-KATIDRAL TA' GĦAWDEX.**

**LAQGĦA GĦALL-KOR TAT-TFAL**

**Fis-7.30p.m.** se ssir laqgħa għall-Kor tat-Tfal "Fjur tal-Martri Margerita" li se tkun fil-knisja. It-Tfal għandhom ikunu minn Year 1 'l fuq u għal din l-ewwel laqgħa għandhom jattendu wkoll il-ġenituri.

**IT-TLIETA, 12.10.10: LECTIO DIVINA**

**Fis-7.30p.m.** issir l-laqgħa dwar il-Kelma ta' Alla (Lectio Divina), Din tkun fis-sala tad-Dar Parrokkjali u għaliha huma mistiedna s-saċerdoti, il-letturi u l-animaturi tal-quddies u dawk kollha li jixtiequ jieħdu sehem f'din il-laqgħa ta' tagħlim u ta' Talb.

**L-ERBGĦA, 13.10.10:** Illum hija it-tifkira tad-dehra tal-Madonna ġewwa Fatima.

**Fis-7.00p.m**. quddiesa bl-omelija dwar id-dehriet ta' Fatima u tkun intenzjoni ta' Salvu Mercieca.

**IL-ĦAMIS, 14.10.10: LAQGĦA TA' TALB - IRĠIEL**

**Fis-7.30p.m.** se ssir il-laqgħa ta' Talb għall-Irġiel kollha. Din tkun fil-knisja.

Nistiednu lill-irġiel kollha biex jiġu jagħmlu esperjenza ta' dan it-talb flimkien.

**IL-ĠIMGĦA, 15.10.10: 100 SENA MILL-BINI TAL-KOPPLA**

Fl-okkażjoni tal-100 sena mill-bini tal-Koppla li jaħbat illum l-Għaqda Drammatika Sannat se ttella' Dramm bl-isem : "il-*HOLMA LI SEĦĦET*" li jitratta dwar il-bini tal-koppla.

Dan se jkun fil-knisja dritt wara l-quddiesa.

Nistieden lil kulħadd biex jattendi.

**IL-ĦADD, 17.10.10: IT-TMIENJA U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA.**

**SEMINAR DWAR IL-LITURGIJA**

Nhar l-Erbgħa u l-Ħamis 13 u 14 ta' Ottubru se jsir Seminar għall-membri tal-Kummissjoni tal-Liturġija. Il-membri tal-Kummissjoni tal-Liturġija tal-Parroċċa tagħna huma mistiedna biex jieħdu sehem. Ikun fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-Munxar u jibda fis-6.0p.m.

**SERVIZZ TA' QRAR F'SAN GAKBU**

Bħala parti mill-Pjan Pastorali ta' din is-sena, il-Knisja f'Għawdex qed toffri servizz ta' qrar mill-1 ta' Ottubru, mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.00a.m. u l-11.00a.m. fil-Knisja ta' San Ġakbu, Victoria.

**JUM DINJI TAZ-ZGĦAŻAGĦ**

Dawk iz-zgħażagħ li jixtiequ jieħdu sehem fil-Jum Dinji taż-Żgħażagħ li se jsir fi Spanja, bejn is-16 u 21 ta' Awissu li ġej, jinformawna fl-Uffriċċju Parrokkjali.

Dan se jitħabbar waqt l-attivitajiet li se jsiru għaż-Żgħażagħ ħdejn l-Oratorju Don Bosco s-Sibt u l-Ħadd 9 u 10 ta' Ottubru . Iż-Żgħażagħ mistiedna jattendu